# L-Ewkaristija tal-Ħolqien
## Adorazzjoni Ewkaristika għal Żmien l-Għid
### Mejju 2023

## Innu waqt l-Espożizzjoni

## Vista lil Ġesù Ewkaristija

Serreġ ix-xemx tiegħek fuq t'artna d-dwieli
w l-għelieqi tal-qamħ imdehbin,
ħa jsir sew il-frott u jilħqu l-għelejjel
biex noffru il-ħobż u l-inbid.

*Missierna, Sliema, Glorja*

U Int b'din l-offerta xxebba' 'l uliedek
trejjaqhom fil-vjaġġ, turi t-triq,
sabiex hekk jikbru fix-xebh tagħhom miegħek
b'Ġismek u d-Demmek hekk għeżież.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Għalhekk, b'qalb ħerqana, o Feddej ħanin,
mas-sbul u l-għenieqed hekk bnien
ix-xejn tagħn'ilqa' biex tisħqu u tagħsru;
bih għajjex lil ħutna l-bnedmin.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Għarrafna fil-bidla taż-żmien, l-istaġuni
l-kelma qaddisa li tajtna
illi qatt u qatt m'inti se tħallina
waħedna f'din l-art mitlufin.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Int hawn bqajt magħna f'das-Sagrament moħbi
taħt ftit dqiq bajdani magħġun
midbul bi kliemek mill-qassis imtenni
b'tifkira li ma tafx bi tmiem. Ammen.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna, Sliema, Glorja*

Qegħdin f'nofs ir-rebbiegħa imma minn ġmielha qajla rajna. Drajna nħarsu lejn ħitan tal-ġebel safrani tal-Franka tagħna jew lejn ħitan twal miżbugħa għax magħmulin mill-briks. Drajna bit-torrijiet twal li bħal donnhom jagħlqulna d-dehra tas-sema, u l-orizzont tal-ħarsa tagħna safa' ċċirkondat mill-bini, toroq wisgħin u dojoq, fuq xulxin u mserrpin. Drajna … hekk li nsejna li ix-xefaq ta' dak li jara l-bniedem—ta' dak li nistgħu naraw aħna—jista' jestendi lil hinn.

Jista' jogħla 'l fuq u jara l-ikħal tas-smewwiet binhar u s-swidija mdomma b'tikek ċkejknin fiddiena, jekk ma jkunx hemm wisq dawl li lanqas dlam il-lejl u l-imnajjar naturali tiegħu ma nkunu nistgħu naraw. Ix-xefaq tal-ħarsa tagħna jista' jogħla lil hinn lejn il-baħar li jdawwarna minn kullimkien, sakemm inħarsu lejn l-orizzont fejn jitbewsu s-sema u l-baħar bħal donnhom tfakkirha tal-Infinit u l-eternità. U nistgħu wkoll induru fuq il-fus tagħna u nħarsu 'l barra, lil hinn: interrqu 'l barra mid-dinja li taqtagħlna nifisna lejn postijiet li jfakkruna mill-ġdid li aħna bnedmin, ulied Adam, magħmul mill-ħamrija ħamra tal-art ...
Minkejja li xi ftit diġà bdiet titlef is-sbuħija tagħha minħabba s-sħana li taqtagħlna nifisna qabel ma jibda s-sajf u l-għelieqi diġà sefgħu battala, ix-xenarju tar-rebbiegħa jġib miegħu fenomenu sieket imma tassew simboliku: filwaqt li l-għelieqi tal-qamħ ħadrana jsiru dehbiena u jkun wasal il-mument li fih jinħasdu, xi drabi f'għelieqi jmissu magħhom tibda tilmaħ iz-zkuk donnhom niexfa u mejta tad-dwieli jarmu l-weraq bi tħejjija għas-sajf fejn jimmatura l-frott tagħhom li minnu jintgħasar l-inbid, demm id-dielja ...
Żewġ pjanti li minn kaċċatur rabtu lill-bniedem mal-art u wassluh biex jistabbilixxi ruħu b'mod fiss għax kien fil-ħtieġa tagħhom għall-ħobża ta' kuljum u għall-inbid tal-ferħ imma wkoll l-inbid tad-duwa fil-mard u garanzija ta' xarba safja minn kull mikrobu, iktar u iktar f'postijiet fejn l-ilma ma kienx nadif.
Mulej, f'dawn il-ġimgħat bejn l-Għid il-Kbir—fejn jinħasad il-bikri tal-qamħ—u Għid il-Ħamsin—fejn il-ħsad ikun mitmum, inkluż l-imwaħħar—bħal donnu anke n-natura tiċċelebra l-Ewkaristija tagħha magħmula wkoll mill-qamħ maħsud li jibda l-proċess biex isir ħobż, u d-dwieli li jibdew jarmu ... ċiklu li prattikament ikopri s-sena kollha sakemm l-inbid jieqaf ibaqbaq u jkun jista' jitferra' fil-kalċijiet tas-salvazzjoni. Veru, il-ħobż u l-inbid huma xogħol idejna, imma jdejna jridu jistabru u jistennew lill-frott tal-art li tagħtihom inti fl-istaġun tagħhom u bil-proċess tal-maturità u l-fermentazzjoni naturali tagħhom li m'għandniex kontroll fuqhom. Aħna noffru l-ħobż u l-inbid biex irroddu ħajr lill-Missier u nġeddu kull darba s-sagrifiċċju waħdieni tiegħek tas-salib, u l-Ħallieq joffrilna l-qamħ u l-għeneb sabiex imantnina kemm fuq livell naturali u kif ukoll fuq livell spiritwali.

## Innu Ewkaristiku (jew Debħa Maltija)

Mulej, flok se naqraw silta mill-Iskrittura li nħalluha ddawwal ir-riflessjoni tagħna, illejla se nfaħħruk permezz ta' dak li inti stess għedtilna meta użajt dawn iż-żewġ elementi tan-natura—il-qamħ u l-għeneb, il-ħobż u l-inbid—biex permezz tagħhom tifthilna moħħna biex nifhmu l-Kelma tiegħek u nidħlu iktar fil-fond tal-misteru tiegħek li ma bqajtx 'il bogħod minna imma dħalt fl-istess ċiklu tan-natura li fih u bih aħna ngħixu, ukoll jekk aljenati u ma nagħtux kas.

*"Waslet is-siegħa li fiha Bin il-bniedem ikun igglorifikat. Tassew tassew ngħidilkom, jekk il-ħabba tal-qamħ ma taqax fl-art u tmut, hi tibqa' weħidha; imma jekk tmut, tagħmel ħafna frott"* (Ġw 12, 23-24). Infaħħruk, Mulej, għax ma stmerrejtx tkun il-qamħa li tmut u tindifen f'qiegħ l-art biex tagħtina l-ħajja bħala l-frott tal-fidwa.
*Infaħħruk, Mulej Ġesù*. **Flimkien:** *Infaħħruk, Mulej Ġesù.*

*"Jiena d-dielja vera u Missieri l-bidwi. Kull fergħa fija li ma tagħmilx frott jaqtagħha; u kull waħda li tagħmel il-frott jiżborha u jnaddafha, biex tagħmel frott aktar"* (Ġw 15, 1). Irroddulek ħajr għax tridna nkunu parti mill-ħajja u r-rabta tiegħek mal-Missier, b'mod speċjali permezz tas-sagrament tal-Ewkaristija li jiġborna flimkien bħala aħwa u wlied.
*Irroddulek ħajr, Mulej Ġesù*. **Flimkien:** *Irroddulek ħajr, Mulej Ġesù.*

*"Is-Saltna ta' Alla hi bħal meta raġel ikun xeħet iż-żerriegħa fl-art. Rieqed jew imqajjem, billejl jew binhar, iż-żerriegħa tinbet u tikber, bla ma jaf kif. L-art trodd minnha nfisha l-ewwel il-barma, imbagħad is-sbula, imbagħad il-qamħ mimli fis-sbula. U meta l-frott isir, malajr il-bidwi jmidd idu għall-minġel, għax ikun wasal żmien il-ħsad"* Mk 4, 26-29). Insebbħuk, o Feddej, għax minkejja li sseħibna fil-ħidma tiegħek, meta u kif isir il-frott u kemm jaħji u jsostni ħajjiet mhuwiex fil-kontroll tagħna hekk li nistgħu nimmanipulawh jew nagħtuh id-direzzjoni li taqbel lilna, imma titlob minna l-istennija waqt li int, sew jekk reqdin jew imqajmin, twassal iż-żerriegħa li żrajt permezz tagħna għall-milja tagħha.
*Insebbħuk, Mulej Ġesù*. **Flimkien:** *Insebbħuk, Mulej Ġesù.*

*"Ibqgħu fija, u jiena nibqa' fikom. Kif il-fergħa ma tistax tagħmel frott minnha nfisha jekk ma tibqax fid-dielja, hekk anqas intom jekk ma tibqgħux fija. Jiena d-dielja, intom il-friegħi. Min jibqa' fija u jiena fih, dan jagħmel ħafna frott; għax mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn"* (Ġw 15, 4-5). Iftħilna għajnejna biex nagħrfu li mingħajrek ma nistgħu nagħmlu xejn li hu tassew tajjeb, xejn li hu qaddis, xejn li jista' jisqi l-ferħ lil ħaddieħor, xejn li jista' jxebba' l-vojt li hemm fil-qalb ta' kull bniedem.
*Iftħilna għajnejna, Mulej Ġesu*. **Flimkien:** *Iftħilna għajnejna, Mulej Ġesu.*

*"Mhux intom għażiltu lili, imma jien għażilt lilkom, u ħtartkom biex tmorru tagħmlu l-frott u l-frott tagħkom jibqa', ħalli kulma titolbu lill-Missier f'ismi, huwa jagħtihulkom. Dan hu li qiegħed nikkmandakom: li tħobbu lil xulxin"* (Ġw 15, 16-17). Nadurawk, Ġesù Kristu, għax tgħarrafna li minnek ġejja kull sejħa tagħna u minnek ġej kull frott li nagħmlu. U dan il-frott jibqa' għax aħna ntlaqna għal kollox f'idejk sabiex inti twettaq bina dak li trid; permezz tagħna tħobb lil oħrajn, u tħobb lilna permezz ta' oħrajn.
*Nadurawk, Mulej Ġesu*. **Flimkien:** *Nadurawk, Mulej Ġesu.*

## Innu Ewkaristiku

Meta għażilt it-tnejn u sebgħin u bagħathom tnejn tnejn qablek f'kull belt u post fejn kont se tmur, bla tlaqliq stqarrejt u ħeġġiġt: "Il-ħsad huwa kbir, imma l-ħaddiema ftit. Itolbu mela lil Sid il-ħsad biex jibgħat ħaddiema għall-ħsad tiegħu" (Lq 10, 2). Permezz tiegħek aħna wkoll se rressqu t-talb tagħna lil Sid il-ħsad sabiex jibgħat ħaddiema għall-ħsad tiegħu:

- Mulej Ġesù, inpoġġu quddiemek ir-rgħajja tal-Knisja li għażilthom sabiex jaħsdu l-frott li kabbart int fl-uċuħ tar-raba' u fi qlub l-Insara u ta' kuljum joffruh permezz tiegħek sabiex isir għalihom ikel u xorb li jagħtu l-ħajja. Nitolbu.
- Mulej Ġesù, agħti l-umiltà meħtieġa lil dawk kollha li b'mod jew ieħor iħabirku fil-ħsad kbir tiegħek, sabiex ma jfittxux il-ħlas jew ir-rikonoxximent, imma jwettqu kollox għall-glorja tiegħek, int li int tant ġeneruż ma' min jikkoopera miegħek. Nitolbu.
- Mulej Ġesù, bierek il-ħidma ta' dawk kollha li jaħdmu l-uċuħ tar-raba' ta' gżirietna, u tħallihomx jaqtgħu qalbhom meta x-xogħol tagħhom ma jkunx apprezzat jew meta x-xita ma tasalx f'waqtha. Nitolbu.
- Mulej Ġesù, aħfer lil dawk kollha li ma jiħdux bis-serjetà r-responsabbiltà tagħhom ta' ħaddiema fil-ħsad tiegħek. Agħmel li jħallu l-ħarsa tagħhom tmur lil hinn minn dak li naraw ta' kuljum, u jiftħu beraħ ix-xefaq tat-tifsir tagħhom sabiex iħaddan il-Kelma tiegħek li taslilna wkoll permezz tal-istaġuni tan-natura. Nitolbu.
- Mulej Ġesù, kompli sejjaħ ħaddiema għall-ħsad tiegħek li jkunu lesti jħallu kollox sabiex iħabirku għax-xandir tal-Kelma tiegħek. Nitolbu.
- Mulej Ġesù, ilqa' fi ħdanek lil dawk il-ħaddiema li qdewk tajjeb fil-ħsad tiegħek; daħħalhom fil-festa tat-tieġ tiegħek ta' dejjem,
- u dewwaqhom mill-inbid il-ġdid tas-Saltna tiegħek. Nitolbu.

Mulej, ħares lejn il-ħsad kbir tiegħek u ibgħat ħaddiema għalih, biex l-Evanġelju jixxandar lill-bnedmin kollha, sa ma l-poplu tiegħek jinġabar għall-kelma tal-ħajja u jissaħħaħ bis-sagramenti, u hekk jimxi 'l quddiem fit-triq tas-salvazzjoni u l-imħabba. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## Barka Sagramentali